**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Nru: 362/17 RM**

**Carmen Micallef (ID 290771M) u Noel Micallef (ID. 36069M)**

**-vs-**

**Noel Muscat fil-kwalita tieghu bhala Sindku**
**tal-Kunsill Lokali tas-Swieqi u l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta**
**li giet kjamata in kawza b'digriet tal-10 ta' April, 2018**

**Illum, 8 ta' April 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Carmen Micallef u Noel Micallef fir-Registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Dicembru, 2017 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut Noel Muscat fil-kwalita` tieghu bhala Sindku tal-Kunsill Lokali tas-Swieqi, li jhallas id-danni li ghandhom jigu likwidati minn din il-Qorti, liema danni jinkludu l-*lucrum cessans* u d-*damnum emergens*, liema danni kienu kkagunati unikament minhabba n-negligenza tal-konvenut u n-nuqqas ta' adempiment tal-obbligi taghha.

Illi l-attrici Carmen Micallef waqghet u weggghet fil-15 ta' Dicembru 2015 fi Triq  Joseph Kalleja, Swieqi, liema triq thalliet zdingata, dilapidata u mhux mantnuta b'mod
xieraq u skond il-ligi, liema triq taqa' taht ir-responsabilita tal-Kunsill konvenut.

Illi b'konsegwenza diretta ta' dan l-incident l-attrici soffriet griehi ta' natura gravi, kif ukoll dizabilita permanenti u dan kif jirrizulta mir-rapport tal-konsulent Jason Zammit li kopja tieghu giet annessa u mmarkata Dok CM1.

IIIi apparti minn hekk, l-attrici soffriet telf ta' introjtu kif ukoll ghamlet diversi spejjes medici kif ukoll spejjez ohra minhabba li spiccat kompletament dipendenti ghal diversi xhur fuq terzi persuni inkluz zewgha u dan kif jirrizulta mill-ircevuti annessi u mmarkati bhala Dok CM2 sa CM49 u kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

IIIi dan apparti l-fatt li l-attur Noel Micallef kellu effettivament jitlef diversi granet tax-xoghol unikament sabiex jiehu hsieb lil martu.

IIIi ghal kull bon fini l-atturi jiddikjaraw illi d-danni hekk kif ser jigu likwidati ma jeccedux is-somma ta' €15,000 u ghalhekk din il-Qorti hija kompetenti *ratione materiae* sabiex tisma' l-kaz.

Illi l-atturi kienu nterpellaw lill-konvenut sabiex jersaq ghall-hlas u likwidazzjoni tad-danni anki permezz ta' ittra ufficjali ta' l-1 ta' Awwissu 2017, imma minkejja dan xorta wahda baqa’ inadempjenti.

Ghaldaqstant l-atturi qeghdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsijasi dikjarazzjoni li jidrilha xierqa u opportuna taqta' u tiddeciedi l-kawza billi;

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut huwa responsabbli ghad-danni kkagunati lill-atturi u dan minhabba n-negligenza u/jew nuqqas da parti taghhom.

4. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi jekk hemm bzonn bl-opra ta' perit nominandi, liema danni ghandhom jinkludu d-*damnum emergens* kif ukoll il-*lucrum cessans*, liema danni qeghdin jigu limitati mill-atturi ghas-somma ta' €15,000.

3. Tordna lill-konvenut ihallas dawk id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluz ta' l-ittra ufficjali tal-1 ta' Awwissu 2017, Dok. CM50 kontra l-konvenut li huwa ingunt ghas-subizzjoni .

Rat ir-Risposta ta' Noel Muscat[1] fil-kwalita tieghu bhala Sindku tal-Kunsill Lokali tas-Swieqiipprezentata fil-25 ta' Jannar, 2018 fejn gie eccepit:-

*1. Illi l-post fejn sehh l-allegat incident ma jaqax taht ir-responsabbilita` legali tal-Kunsill intimat;*

*2. Illi in vista tal-premess ghalhekk, l-istess Kunsill intimat ma ghandu ebda responsabbilita` legali ghall-allegat akkadut;*

*3. Illi fil-fatt ghandu jirrizulta li l-post fejn sehh l-incident lanqas ma jista' jigi kkunsidrat bhala triq formata ai termini tal-ligi u di piu jinghad li l-istess post kien intiz ghal tarag u mhux ghal trejqa, mghottija b'sifja konkos mill-Awtorita tat-Trasport ta' Malta;*

*4. Illi jinghad inoltre li l-istess allegat incident sehh ghal tortijiet unikament imputabbli ghall-istess attrici minnhabba negligenza da parti taghha li presumibbilment hija persuna midhla sew tal-istess inhawi;*

[1] Fol. 59.

*5. Illi minghajr pregudizzju ghal premess, jigi eccepit inoltre li l-allegati danni sew dawk attwali u sew dawk konsegwenzjali qed jigu kontestati u ghandhom se mai jigu ppruvati mill-atturi ai termini tal-ligi;*

*6. B'riserva li jigu prezentati risposti ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

*Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' ittra ufficjali responsiva datata 9 ta' Novembru 2017 kontra l-atturi minn issa ngunti personalment ghas-subizzjoni.*

Rat li b'digriet tal-10 ta' April, 2018 gie ordnat li tissejjah fil-kawza tal-Awtorita` ta' Malta ghat-Trasport;

Rat ir-Risposta tal-kjamata fil-kawza pprezentata fil-25 ta' Jannar, 2018[2] fejn gie eccepit:-

*"Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li n-nomenklatura tal-Awtorita` esponenti hija l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u konsegwentement rr-rikorrenti ghandha tghaddi sabiex tirregola ruhha dwar l-istess sabiex l-okkju u kull fejn tissemma l-istess Awtorita tkun indirizzata bit-titolu kif suppost;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita` esponenti teccipixxi li mhijiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza stante li t-triq in kwistjoni la hi triq arterjali u lanqas distributorja u konsegwentement ma taqax taht ir-responsabbilita u 1-mansjoni tal-Awtorita` esponenti;*

*IIli minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita` esponenti tirrespingi l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti kif dedotti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-istess Awtorita mhijiex responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza;*

[2] Fol. 82

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*"

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet moghti mis-S.T.O. il-Prim'Imhallef b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat illi permezz ta' digriet moghti fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2018, giet awtorizzata korrezzjoni fl-isem tal-Awtorita` msejha fil-kawza b'dan li minflok "l-Awtorita ta' Malta ghat-Trasport" l-isem jinqara "l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta';

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda li ddeponew quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-provi kollha akkwiziti;

Semghet ix-xhieda;

Semghet ukoll it-trattazzjoni finali tal-abbli difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-15 ta' Frar 2021;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**Mill-provi li ressqu l-attur, jirrizulta li l-verzjoni taghhom hija s-segwenti**. Fil-15 ta' Dicembru 2015, l-attrici Carmen Micallef kienet miexja ghall-affari taghha gewwa Triq Josef Kalleya, Swieqi. Din it-triq mhijiex iffurmata u l-wicc mhuwiex asfaltat izda biz-zrar. Ghalkemm jghaddu vetturi minn din it-triq, l-istat taghha huwa wiehed dizastruz u mhemmx bankina. L-attrici qalet li gieli

ghaddiet minn dik it-triq qabel ghaliex ghalkemm hemm passagg iehor biex tinzel mit-triq, il-passagg huwa privat u mhux permess li jghaddi l-pubbliku minnu.

Dakinhar kienet ix-xita u l-attrici waqghet go hofra li kien hemm fit-triq, liema hofra kienet imtliet bix-xita. Effettivament, hi kisret sieqha fil-hofra u harget l-ghadma minn sieqha. Ghalkemm ippruvat tqum, regghet waqghet ghat-tieni darba u ma setghetx terga' tqum. Spiccat fil-hamrija u bl-ugigh taha hass hazin. L-attrici giet operata u damet hamest ijiem l-isptar. Ghamlet zmien bil-hadid f'sieqha kif ukoll zmien li fih ma setghetx timxi, kellha torqod f'sodda isfel ghaliex ma setghex titla' tarag u kellha bzonn ghajnuna kostanti. Ghalkemm zewgha kien jghinha u ghal dan il-ghan kien spicca ha l-leave kollu tax-xoghol, huma kellhom ukoll jingaggaw terza persuna biex tassisti lill-attrici fil-bzonnijiet tad-dar, certu Maria Azzopardi u dan darbtejn fil-gimgha ghal perijodu ta' madwar sena.

Eventwalment lill-attrici saritilha operazzjoni ohra biex titnehha l-hadida minn sieqha u sakemm saret din it-tieni operazzjoni, kellha tittaqqab kuljum bl-injections li nxtraw a spejjez tal-atturi. Minn dakinhar tal-incident, sahhitha ma baqghetx l-istess, tghajja malajr u ma tistax tbaxxi rkobbtejha. Kienet tmur ghall-kura ghand il-konsulent Jason Zammit gewwa l-Isptar Saint James kif ukoll tattendi ghal sessjonijiet ta' fizjoterapija u f'xi zmien kellha bzonn tara wkoll psikjatra ghaliex minhabba l-effett tal-incident hija bdiet tbati minn dipressjoni qawwija. L-attrici giet certifikata li soffriet minn dizabilita` permanenti ta' 7% bhala rizultat ta' dan l-incident u dan ghaliex garrbet ksur tat-*tibia* tal-lemin . Ghalkemm dan il-ksur fieq, l-ghaksa tas-sieq hija *rotated* b'ghaxar grad 'il barra u dan mhuwiex normali. L-attrici ghamlet iktar minn sena ma tahdimx sakemm f'xi zmien bejn April u Gunju 2017 regghet bdiet tahdem ghand in-nies biss darbtejn fil-gimgha fejn qabel l-incident kienet tahdem kuljum.

**Il-pozizzjoni tal-Kunsill konvenut f'din il-kawza**, hi li Triq Josef Kalleja, Swieqi izda hija responsabbilita` tal-Gvern Centrali. Filwaqt li hemm qbil li t-triq in kwistjoni m'hijiex triq arterjali jew distributorja, il-konvenut isostni li din it-triq hija wahda minuri u giet zviluppata ghall-fini tal-kostruzzjoni tad-djar fl-istess triq fiz-zmien meta dawn kienu qeghdin jinbnew. Il-Kunsill jikkontendi wkoll li l-obbligu legali tieghu m'huwiex li jikkostrwuxxi t-toroq izda li jaghmel manutenzjoni taghhom u f'kull kaz l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta qatt ma ordnat lill-Kunsill biex jikkostruwixxi din it-triq: kemm hu hekk, saret referenza ghall-fatt illi kienet l-Awtorita` nnfisha li talbet minghand il-Kunsill lista tat-toroq residenzjali li kienu jehtiegu jinghataw wicc[3]. Gie sottomess ukoll li l-Kunsill kien ghamel zmien konsiderevoli jitlob lill-Awtorita` biex thaffef il-process biex jigi kostruwit il-wicc tat-triq Josef Kalleja, Swieqi, minhabba l-inkonvenjent u perikolu ghar-residenti, izda fiz-zmien tal-incident fejn wegghet l-attrici, l-Awtorita` kienet ghadha mhux deciza jekk kienetx sejra tifforma t-triq bhala triq proprja jew tarag u kien ghalhekk it-triq baqghet qatt ma saret.

L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta ("l-Awtorita`"), kjamata fil-kawza, tichad li hija responsabbli ghat-triq li fiha wegghet l-attrici u ssostni li galadarba din t-triq m'hijiex klassifikata bhala wahda arterjali jew distributorja, taqa' necessarjament fil-kategorija ta' toroq residenzjali li huma r-responsabbilita` tal-Kunsill Lokali relattiv.

Ikkunsidrat;

Illi rinfaccjata bil-pozizzjonijiet kontradittorji vantati mill-Kunsill konvenut u mill-Awtorita` kjamata fil-kawza dwar ir-responsabbilita` legali ghall-manutenzjoni tat-triq in dizamina, il-Qorti jehtigilha qabel xejn tistabbilixxi min miz-zewg imharrkin ghandu jerfa' l-obbligu legali ghall-manutenzjoni ta' din il-parti minn Triq Josef Kalleya.

[3] Fol. 122.

Iz-zewg imharrkin jaqblu illi t-triq in kwistjoni m'hijiex triq arterjali u lanqas ma hija triq distributorja. Madanakollu, il-Kunsill konvenut isostni li peress li l-Gvern Lokali m'huwiex responsabbli ghall-kostruzzjoni u formazzjoni tat-toroq izda huwa responsabbli biss ghall-manutenzjoni taghhom, it-triq in dizamina ma tistax taqa' fil-kompetenza taghha ghaliex la hija iffurmata u lanqas asfaltata.

Is-segwenti huma d-dispozizzjonijiet relevanti tal-Att dwar l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta (Kap. 499) li kienu vigenti fiz-zmien tal-incident mertu ta' din il-kawza, cioe` f'Dicembru 2015 :-

*« L-Awtorità ghandu jkollha s-setghat u l-funzjonijiet li gejjin specifikament b'konnessjoni mat-toroq u t-trasport stradali:*
*…*
*(b) li tokkupa, tippjana, tiddisinja, tibni, tibni mill-gdid, tamministra, taghmel manutenzjoni, issewwi u tirrestawra toroq u li tipprovdi jew tizgura jew tmexxi 'l quddiem provdiment ghal dan kollu u wkoll li tipprovdi jew tizgura provdiment ta' servizzi ghal dawk l-ghanijiet u timmanigga u tikkontrolla kull xoghol mehtieg, inkluz l-ippjanar u l-ipprogrammar relattiv u l-ippjanar u l-ipprogrammar ghall-bini u l-formazzjoni mill-gdid ta' toroq ezistenti:*

*Izda meta l-manutenzjoni ta' xi triq tkun taqa' taht ir-responsabbiltà ta' Kunsill Lokali skond l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-manutenzjoni ta' dik it-triq ma ghandhiex tkun, fil-qies ta' dik ir-responsabbiltà, il-funzjoni tal-Awtorità sakemm ma jkunx intlahaq ftehim dwar dak bejn il-Kunsill Lokali u l-Awtorita`:*

*Izda wkoll, meta triq tkun se tigi ffurmata minn xi persuna skond xi ligi ohra, ma tkunx il-funzjoni tal-Awtorità li tifforma dik it-triq.*[4]"

It-toroq li skont l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363) il-manutenzjoni taghhom kienet taqa' taht ir-responsabbilita` ta' Kunsill Lokali fiz-zmien tal-incident, kienu dawk imfissra fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 33 tal-Kap. 363:-

*(1) Bla hsara ghas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu u ghad-dispozizzjonijiet ta' kull ligi ohra li tkun fis-sehh, il-funzjonijiet tal-Kunsill Lokali jkunu:-*

[4] Artikolu 7 tal-Kap. 499.

*(a) Li jipprovdi biex tinzamm fi stat tajjeb u ghall-manutenzjoni ta', jew titjib fi, kull triq jew moghdija, li ma tkunx proprjeta` privata:*
*Izda l-manutenzjoni ghar-rigward ta' xi triq jew moghdija tinkludi l-kisi jew l-asfaltar taghha, izda ma tinkludix ir-rikostruzzjoni taghha »*

...

*Toroq arterjali u distributorji stabbiliti bil-Pjan ta' Struttura ... stabbilimenti, bini u oggetti ohra mnizzla fir-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att huma responsabbilita` tal-Gvern u huma ghal kollox eskluzi mill-kompetenza ta' Kunsill Lokali.*[5]

Minn ezami ta' dawn id-dispozizzjonijiet legali kif vigenti fiz-zmien tal-incident in dizamina, jirrizulta li fost il-funzjonijiet taghha, l-Awtorita` kellha tiehu hsieb il-kostruzzjoni tat-toroq pubblici kollha - sija dawk arterjali u distributorji u wkoll kull triq li tkun fi stadju ta' ippjanar jew ta' kostruzzjoni - izda ma kienx jirrientra fost il-funzjonijiet taghha l-obbligu tal-manutenzjoni tat-toroq li ma jkunux klassifikati bhala toroq arterjali jew distributorji. Dan ghaliex il-Kap. 363 jaghmilha car li l-obbligu ta' manutenzjoni tat-toroq pubblici li ma jkunux toroq arterjali jew distributorji, huwa tal-Kunsill Lokali sakemm ma jkunx intlahaq ftehim mod iehor bejn il-Kunsill u l-Awtorita` fir-rigward ta' xi triq lokali partikolari.

Issa mill-provi jirrizulta illi skont is-sistema ta' klassifika mizmuma mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, Triq Josef Kalleya fis-Swieqi **hija meqjusa bhala triq residenzjali ghaliex taqa' fil-kategorija "*other urban*" u mhux fil-kategorija ta' triq arterjali**[6]. Ghall-Qorti din hija prova sufficjenti li t-triq in dizamina m'hijiex klassifikata mill-Awtorita` bhala wahda arterjali jew distributorja u konsegwentement, il-kompetenza għall-manutenzjoni taghha, in linea mad-dispozizzjonijiet legali in forza fil-15 ta' Dicembru 2015, taqa' f'idejn il-Kunsill Lokali tas-Swieqi.

---

[5] Ir-Raba' Skeda ta' dan l-Att teskludi mir-responsabbilta' tal-Kunsilli Lokali it-"toroq arterji u distributorji kif determinati mill-Pjan Strutturali."
[6] Dok. JT1.

Għalkemm dan ifisser li l-Awtorità m'hijiex responsabbli għall-manutenzjoni ta' Triq Josef Kalleya, kif inghad iktar qabel, il-kostruzzjoni tat-toroq pubblici kollha, irrispettivament minn jekk it-triq hijiex arterjali jew distributorja, tispetta lill-Awtorita`. Fl-istess waqt izda, it-titjib u l-manutenzjoni tagħhom, galadarba kostruwiti, għandu jipprovdi għalihom il-Kunsill Lokali proprju skont l-Artikolu 33 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, fuq citat. Tant hu hekk illi dak iz-zmien, l-Avviz Legali 29 tal-2010 fir-regolament 3(1), kien jipprovdi hekk:-

*3. (1) L-Awtorità għandha tipprovdi, jew hi stess jew permezz ta' impriża, u fejn ikun adatt b'konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, għall-kostruzzjoni, kostruzzjoni mill-ġdid, twessiegħ, tiġdid, manteniment, titjib, immaniġġar, manutenzjoni u klassifikazzjoni ta' toroq: Iżda fejn triq la tkun triq arterjali lanqas triq distributorja, il-manteniment, it-titjib u l-manutenzjoni tagħha għandu jipprovdi għalihom il-Kunsill Lokali adatt skont l-artikolu 33 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali.*

Il-Kunsill jargomenta li peress li t-triq in dizamina ma hijiex ufficjalment iffurmata, dan ma jaqax fir-responsabbilita` tieghu ghaliex filwaqt li l-obbligu tieghu ta' manutenzjoni jiskatta galaraba t-triq tkun giet kostruwita, il-kostruzzjoni tat-toroq inkluz it-toroq lokali, ma tirrientrax fil-funzjonijiet jew obbligi legali tieghu. Dan huwa minnu izda l-Qorti ma taqbilx illi fil-kaz in dizamina, Triq Josef Kalleya kienet ghadha mhux kostruwita.

Fir-rigward, jigi osservat illi t-triq in dizamina, ghalkemm ma kienetx ghadha inghatat wicc ta' asfalt, kienet triq ezistenti u kienet miftuha ghall-passagg ta' vetturi u persuni. **Kemm hu hekk, it-triq hija indikata fil-pjanti esebiti mill-Perit li kien responsabbli ghall-implimentazzjoni ta' bini ta' toroq residenzjali u manutenzjoni fi hdan l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**[7] u kienet giet ukoll skemata bhala tarag mill-Awtorita` tal-Ippjanar fil-Pjan Lokali tal-2006 (Dok. OM1).

[7] Il-Perit David Vassallo (Dok. DV1).

B'applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet legali fuq citati, dan ifisser illi din il-parti ta' Triq Josef Kalleya, galadarba kienet diga` zviluppata u ffurmata, ma tistax titqies li kienet qed tistenna li tigi kostruwita mill-Awtorita`. Dak li jirrizulta li kien jehtigilha ssir huwa wicc ta' asfalt skont kif jirrizulta mill-ittra a fol. 122. Issa kif rajna, l-Artikolu 33(1)(a) tal-Kap. 363 jipprovdi illi **l-manutenzjoni ghar-rigward ta' xi triq li taqa' fir-responsabbilita` tal-Kunsill Lokali, tinkludi l-kisi jew l-asfaltar taghha**. Konformement, hija l-fehma tal-Qorti illi l-obbligu tal-asfaltar tat-triq in kwistjoni kien jinkombi fuq il-Kunsill Lokali galadarba mill-provi jirrizulta li t-triq kienet diga` ffurmata. Din il-konkluzjoni l-Qorti waslet ghaliha anke wra li kkunsidrat illi m'hemm xejn fil-ligi li jehtieg illi biex jiskatta l-obbligu fuq il-Kunsill li jaghti wicc ta' asfalt lil xi triq, din it-triq bil-fors trid tkun wahda li giet kostruwita mill-Awtorita` purche`, naturalment, ma tkux triq privata.

Jirrizulta mill-ittra tas-17 ta' Lulju 2012[8] illi l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta kienet, f'dan il-kaz, impenjat ruhha li taghti hija stess wicc ta' asfalt lit-toroq residenzjali "*li qatt ma saru*" u kienet effettivament diga` asfaltat partijiet ohrajn minn Triq Josef Kalleya u toroq ohrajn fl-akkwati. Mill-provi l-Qorti fehmet illi l-asfaltar tat-triq in kwistjoni baqghet qatt ma saret ghaliex filwaqt li din kienet skemata fil-Pjan Lokali tal-2007 biex tinbena bhala tarag, il-Kunsill Lokali konvenut, ghan-nom tar-residenti tat-triq in dizamina, kien talab li din ma tinbeniex bhala tarag imma tigi kostruwita bhala triq bl-asfalt. Fir-rigward, il-Perit David Vassallo xehed illi l-Awtorita` kienet lesta biex taghmel ix-xogholijiet mehtiega f'din it-triq, izda ma kienetx kompliet bl-interventi taghha ghaliex meta waslet biex tibda x-xogholijiet, giet imwaqqfa mill-Kunsill Lokali. Jirrizulta wkoll illi ghalkemm effettivament kienet giet sottomessa applikazzjoni minn certu Joe Attard (PC26/2009) biex it-tarag skemat jitnehha u jigi sostitwit bi triq, din l-applikazzjoni jidher li giet michuda mill-Awtorita` tal-Ippjanar

[8] Fol. 122.

ghaliex il-parti tat-triq in kwistjoni ghadha sal-lum tidher li hija skemata bhala tarag[9].

Huwa minnu li kif rajna, fil-kaz in dizamina l-Awtorita` impenjat ruhha li taghti wicc ta' asfalt lil dawk it-toroq residenzjali li jaqghu fir-responsabbilita` tal-Kunsill Lokali tas-Swieqi u li qatt ma gew moghtija wicc. Izda fil-fehma tal-Qorti **dan ma jfissirx li l-Awtorita` accettat li tintervjeni fil-manutenzjoni tat-triq** u ghalhekk, galadarba ma assumiet l-ebda responsabbilita` hlief li tizviluppa t-triq skont l-iskemar stabbilit fil-Pjan Lokali – liema skemar kien qed jigi oppost attivament mir-residenti u mill-Kunsill konvenut - ma tistax tigi meqjusa li ghandha wkoll responsabbilta` li sakemm issir it-triq, izzommha fi stat tajjeb flimkien ma' jew minflok il-Kunsill Lokali. Fil-fatt, mill-provi **ma jirrizultax illi sar xi ftehim li permezz tieghu l-Awtorita` assumiet xi responsabbilita` ghall-manutenzjoni tat-triq in kwistjoni, la qabel tibda bix-xogholijiet u lanqas wara li din tigi debitament asfaltata**.

Il-Qorti ma tqisx illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Awtorita` kellha obbligu skont il-ligi, jew li kienet assumiet xi obbligu, li twettaq il-manutenzjoni tat-triq in dizamina sakemm effettivament l-istess triq tigi asfaltata jew jigi ffurmat it-tarag skemat fil-Pjan Lokali, *multo magis* meta jirrizulta li x-xogholijiet progettati baqghu ma sarux fuq talba tal-Kunsill konvenut innifsu. Il-Qorti tqis li sakemm it-triq in kwistjoni – bhala triq li hija klassifikata mill-Awtorita` bhala triq residenzjali - ma tinghatax wicc tal-asfalt jew tigi zviluppata bhala tarag, il-Kunsill Lokali ma jistax jigi ezonerat mir-responsabbilita` ghall-manutenzjoni taghha galadarba kif rajna l-obbligu tieghu tal-manutenzjoni, skont kif imfisser fl-Artikolu 33 tal-Kap. 363, jinkludi l-kisi u l-asfaltar tat-toroq li jaqghu taht ir-responsabbilita` tieghu. Lanqas jista' l-fatt li l-Kunsill qatt ma wettaq

[9] Ara xhieda ta' Oliver Magro, 7 ta' Jannar 2020 u Dok. OM2.

manutenzjoni tat-triq jeżonerah, ġialadarba jidher li t-triq għadha sal-lum ma ġietx klassifikata bħala triq distributorja jew arterjali[10].

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi r-responsabbilita` ghall-manutenzjoni tat-triq residenzjali in dizamina kienet, fiz-zmien tal-incident li fih wegghet l-attrici, esklussivament tal-Kunsill Lokali ghaliex kif gie stabbilit, l-Awtorita` kienet ghadha ma bdietx l-intervent taghha fl-izvilupp tal-wicc tat-triq u f'kull kaz, din it-triq, li ma gietx kostruwita mill-Awtorita`, m'hijiex inkluza fil-kategoriji ta' toroq li l-manutenzjoni taghhom tispetta lill-istess Awtorita`.

Ghaldaqstant, l-Awtorita` msejha fil-kawza m'hijiex l-entita` responsabbli ghat-triq in kwistjoni ghaliex, sakemm beda xi intervent da parti tal-Awtorita` fl-asfaltar jew zvilupp tat-triq in kwistjoni, ir-responsabbilita` ghall-manutenzjoni taghha kienet taqa' unikament fir-responsabbilita` tal-Kunsill Lokali.

Ikkunsidrat;

Dan premess u stabbilit, il-Qorti, f'kull kaz, trid tistabbilixxi ulterjorment jekk ir-responsabbilita` ghall-incident li fih wegghet l-attrici u ghall-hlas tad-danni konsegwenzjali reklamati f'din il-kawza, tistax tigi attribwita lill-Kunsill konvenut. Ghal dan il-fini l-Qorti trid tkun konvinta li d-danni reklamati mill-atturi gewx sofferti minhabba xi eghmil jew ommissjoni kolpuza tal-Kunsill konvenut u li jezisti ness car ta' kawzalita` bejn l-ghemil jew l-ommissjoni kolpuza u d-danni hekk sofferti.

Din hija azzjoni ta' danni li biha l-atturi qeghdin jirreklamaw il-hlas tad-danni li gew sofferti u li huma, allegatament, konsegwenzjali ghal nuqqas ta' tiswija ta' triq pubblika fejn il-manutenzjoni evidentement kellha ssir minn awtorita' pubblika jew enti governattiva. Ir-rimedju li qed ifittxu l-atturi huwa dak li

---

[10] Ara **GasanMamo Insurance Limited v. Kunsill Lokali Naxxar et**, deciza mill-Qorti tal-Appell (Inf.) 5 ta' Frar 2016.

jitnissel mhux mir-rabta kuntrattwali izda mid-delitt jew kwazi-delitt li jorbot lil kull persuna li taghmel tajjeb ghall-hsara li tigri bl-eghmil (jew nuqqas ta' eghmil) taghha[11]. Din ir-regola generali torbot ukoll lill-Gvern jew entitajiet pubblici bl-istess mod li jorbot persuni privati u dan skont gurisprudenza ormai pacifika in materja:-

"*Hu prinċipju konsolidat kemm fid-dottrina kif ukoll f'ġurisprudenza affermata, illi l-entitajiet pubbliċi li lilhom hi affidata ċerta mansjoni huma, bħal kull ċittadin privat, marbuta li josservaw, fil-kors tal-attivitajiet tagħhom, il-prudenza, diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja dettata mir-regola fl-Artikolu 1032 (1) tal-Kodiċi Ċivili. Regola din ta' korrettezza, bon sens u ta' żvolġiment għaqli f'kull parti tal-operat, kemm jekk si tratta minn eżekuzzjoni ta' xogħlijiet, manutenzjoni ta' opri pubbliċi, viġilanza u kontroll. L-enti pubblika li ma tosservax dan titqies fi ħtija u jkollha allura tissubixxi l-konsegwenzi ta' dak sanċit fl-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili.*"[12]

Dan il-principju gie riaffermat ripetutament-

"*Ir-regoli tal-ligi li torbot ir-responsabilita tal-hsara ma' min iwettaqha tghodd ghall-Gvern jew entitajiet pubblici ukoll, ghaliex hija regola ta' applikazzjoni generika (App. Civ. 28.2.01 fil-kawza flismijiet Carmelo Micallef vs Direttur tax-Xoghlijiet). Ghalhekk, ighoddu ghalihom l-istess regoli tal-ligi li japplikaw ghall-ghamil privat li jwassal fi hsara lil haddiehor, fosthom ukoll l-istess regoli li jehilsu lil haddiehor mir-responsabilita ghal ghemilu jew nuqqasijietu. (P.A. 3.10.53 fil-kawza fl-ismijiet Xuereb vs Micallef noe et Kollezz Vol. XXXV11.ii.753).*"[13]

Illi kif gia` nghad, il-Qorti trid tkun konvinta li l-hsara tkun giet imgarrba minhabba l-ezistenza ta' kolpa fil-konvenut, u f'kaz affermattiv, li jkun jezisti ness car ta' kawzalita` bejn l-ghemil jew l-ommissjoni kolpuza tal-konvenut u d-

---

[11] Art. 1031 et seq. tal-Kodici Civili.

[12] **Hugh P. Zammit v. Direttur tat-Toroq et**. deciza mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-23.1.2004.

[13] 11.4.2007 Qorti tal-Magistrati (Malta) – **Joseph Saliba v. Sindku, Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar et.**. Ara wkoll : "*Ta' importanza, imbaghad, tibqa' tregi f' materja ta' responsabilita`, sija Aquiliana jew kontrattwali, id-duttrina prevalenti in riferenza ghan-ness tal-kawzalita`, ossija dik tar-rapport li jorbot il-kondotta tal-persuna ma' l-event dannuz. Dan kif illustrat fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, sede civili, tas-6 ta' Frar 1928 in re: "Giovanni Sare` -vs- Carmelo Farrugia et". Fiha jinghad illi "perche possa una persona ritenersi responsabile pei danni fa mestiere che chi reclami l' indennizzo riesca a provare non solo l' atto u l' omissione colposa del denunciato, ma altresi che l' atto o la omissione colposa abbia avuto il nesso di causa ad effetto col pregiudizio sofferto dall' istanti";*" 526/2003 – Appell Inferjuri.

danni sofferti. L-atturi f'dan il-kaz jasserixxu illi l-kolpa tinsab fin-nuqqas ta' zamma fi stat tajjeb u nuqqas ta' tiswija ta' dik il-parti tat-triq fejn waqghet l-attrici.

Effettivament, ma jirrizultax illi l-istat hazin tat-triq in kwistjoni u l-ezistenza tal-hofra huma kontestati mill-imharrkin u l-Qorti fehmet ukoll li hemm qbil dwar il-kawza tal-event dannuz li effettivament ta lok ghall-pretensjoni tal-atturi ghall-hlas tad-danni. Il-konvenuti izda, jichdu li kien hemm xi ommissjoni kolpuza da parti taghhom li wassal ghall-event dannuz.

Mill-provi li tressqu fil-kaz in dizamina, jirrizulta illi l-parti ta' Triq Josef Kalleya fejn waqghet l-attrici, m'hijiex asfaltata u l-wicc tat-triq jikkonsisti f'hamrija u zrar. L-istat tat-triq jidher fir-ritratt a folio 121 tal-atti. L-attrici xehdet illi hija kisret sieqha meta waqghet go hofra fi Triq Josef Kalleya, liema hofra ma kienetx tidher ghaliex kienet mimlija bl-ilma peress li dakinhar kienet niezla x-xita.

Il-Qorti tqis illi li l-Kunsill konvenut - li huwa l-Kunsill tal-lokal fejn sehh l-incident - kien fid-dmir illi jassikura illi din il-parti tat-triq, galadarba kienet klassifikata bhala triq residenzjali u kienet miftuha ghall-passagg tal-pubbliku, tinzamm fi stat tajjeb ta' tiswija b'mod li ma ggibx ghall-utenti l-estremi ta' sitwazzjoni ta' perikolu bhalma del resto gabet lill-attrici. Certament, il-hofra li fiha waqghet l-attrici u kissret sieqha, kellha *de minimis*, timtela biex ma tibqax tipprezenta l-perikolu li effettivament ipprezentat lill-utenti tat-triq. Tqis ukoll li biex il-Kunsill jista' jitqies li jkun wettaq id-doveri legali tieghu ta' manutenzjoni tat-toroq li jaqghu fil-konfini tal-lokal taht ir-responsabbilita` tieghu, kellu jiehu hsieb li jsewwi t-triq in dizamina b'kull mod li jkun biex jigi assigurat li din ma tizviluppax hofor u perikoli ohrajn ghall-utenti, vetturi kif ukoll pedoni.

Wara kollox, l-Avviz Legali 29 tal-2010[14], qabel dan gie sostitwit bl-Avviz Legali 291 tal-2018, kien jipprovdi fir-regolament 2, illi « *manutenzjoni ta' rutina f'toroq" tfisser azzjonijiet li jittiehdu* ***fuq bazi regolari biex triq, triq abitata jew pont jinzammu fi stat sigur u tajjeb ghall-uzu****, azzjonijiet li jittiehdu biex fejn possibbli triq ma tithalliex tiddeterjora, u azzjonijiet li jittiehdu biex il-wicc ta' triq u l-gnub taghha jingiebu lura fi stat tajjeb; hi tinkludi, izda m'hijiex limitata ghal,* ***mili ta' hofor…*** »[15]

Il-ligi fl-imsemmi Avviz Legali ma taghmilx distinzjoni bejn toroq li huma asfaltati u dawk li huma godda li ma jkunux ghadhom inghatawx wicc ta' asfalt u huwa manifest li fejn triq partikolari taqa' taht ir-responsabbilita` tal-Kunsill jew tal-Awtorita` u tkun miftuha ghall-uzu tal-pubbliku, **l-entita` responsabbli ghandha f'kull kaz, tassigura li din tinzamm fi stat sigur u tajba ghall-uzu, anke jekk it-triq tkun wahda li ghadha ma giet qatt asfaltata**.

F'sitwazzjoni bhal din, il-Qorti tqis illi oggettivament, in-ness kawzali bejn in-nuqqas tal-Kunsill li jwettaq l-obbligu tieghu li jzomm it-triq in dizamina (bhala triq pubblika li taqa' fil-konfini tal-lokalita` tieghu) fi stat sigur ghall-utenti tajjeb ta' manutenzjoni billi, *inter alia*, jiehu hsieb il-mili tal-hofor, u l-waqgha tal-attrici fil-hofra bil-konsegwenti danni minnha sofferti, huwa manifest u l-Qorti m'ghandha l-ebda rizerva biex tikkonkludi illi l-kondotta jew ahjar, l-imgieba ommissiva tal-Kunsill konvenut kienet il-kawza prossima tal-incident li fih wegghet l-istess attrici. Ghaldaqstant, il-Kunsill konvenut ghandu jerfa' r-responsabbilita` ghall-hsarat li garrbet bhala rizultat tal-event dannuz.

Ikkunsidrat;

[14] Regolmenti tal-2010 dwar Toroq Godda u Xoghlijiet f'Toroq.

[15] L-istess Avviz Legali kien jiddefinixxi t-terminu "triq lokali" bhala triq pubblika li ma tkunx triq arterjali jew triq distributorja; filwaqt li "triq pubblika" tfisser triq li l-Awtorità jew Kunsill Lokali għandhom id-dmir li jieħdu ħsieb il-manutenzjoni tagħha.

Illi l-Kunsill konvenut eccepixxa b'mod sussidjarju illi fl-imgieba tal-attrici hija riskontrabbli negligenza kontributorja li ghandha f'kull kaz twassal ghal mitigazzjoni fir-responsabbilita` li tista' tigi attribwita lilu. Il-Kunsill jibbaza din l-asserzjoni tieghu fuq il-fatt illi l-attrici stess stqarret fix-xhieda taghha li hija kienet konxja tal-istat hazin tat-triq in dizamina izda minkejja dan, xorta ghazlet li tghaddi minnha bil-mixi.

In propositu tal-kuncett tan-negligenza kontributorja, inghad:-

*« Illi l-liġi trid li fejn il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara tkun hija stess li ikkontribwiet għad-danni b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb jew tkun tat sehem jew okkażjoni għal dik il-ħsara, il-Qorti hija mogħtija d-diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara li batiet. Dan iġib miegħu wkoll tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun mod ieħor dovut lill-persuna li tkun tat hija nnifisha r-raġuni għal dak li ġralha. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra, u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti. Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjeta' għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il-ħsara. Dan kollu ma jneħħi xejn missiwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li onus incumbit ei qui dixit, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjeta' tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha. »*[16]

Fix-xhieda taghha l-attrici affermat illi hija gieli ghaddiet mill-parti tat-triq in dizamina : minn dan huwa stabbilit illi hija kienet konsapevoli dwar l-istat hazin tat-triq. Izda l-attrici qalet ukoll li hija ma setghetx tghaddi hlief minn din it-triq ghaliex it-trejqa l-ohra li hemm fl-akkwati b'access ghal Triq Josef Kalleya, hija wahda privata li mhux aperta ghall-passagg tal-pubbliku.

In linea ta' principju generali, il-kontributorjeta' tkun ravvizabbli fejn persuna tonqos milli thares xi obbligu jew rabta imposta mil-ligi u dan b'mod volontarju: *volenti non fit iniuria*. Il-gurisprudenza in materja tghallem illi din id-difiza

[16] **GasanMamo Insurance Limited et v. Kunsill Lokali Kirkop et**, deciza Prim'Awla tal-Qorti Civili 28.1.2016.

tirnexxi jekk l-eccipjent tipprova li d-danneggjat volontarjament accetta li jaghmel xi haga li esponietu ghal xi riskju meta kien pjenament konxju tax-xorta tar-riskji marbutin ma' dak l-ghemil[17].

Fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti, huwa minnu li jirrizulta li l-attrici kienet konsapevoli dwar l-istat tat-triq in kwistjoni u xorta wahda ghaddiet minnha bil-mixi fix-xita, minkejja illi l-vizibbilita` taghha tat-triq kienet limitata. Izda, mehud qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti ma tirravvizax b'daqshekk, kondotta da parti tal-attrici li tista' titqies li hija kontributorja ghall-fatt li waqghet go hofra li kienet mimlija bl-ilma. Wara kollox, it-triq hija wahda residenzjali li isservi lir-residenti li joqoghdu fid-djar f'dik l-istess triq u ma jaghmel ebda sens li l-Kunsill konvenut jistenna li n-nies tal-lokal ma jghaddux minn triq residenzjali li hija miftuha ghall-pubbliku. Tistenna, minflok, li l-Kunsill konvenut ikun ha hsieb li jitnehhew jew talanqas jigu minimizzati l-perikoli ghall-utenti, inkluz billi jimtlew il-hofor u jqieghed senjaletika idonea biex iwissi lill-pubbliku dwar ir-riskji tat-triq, anizcche` jistenna li l-pubbliku ma jghaddix minn dik it-triq. Izda manifestament, il-Kunsill konvenut naqas milli jaghmel dan u huwa tabilhaqq f'dan in-nuqqas li l-Qorti tirravviza l-ommissjoni kolpuza li hija l-unika legam kawzali li jista' jintrabat mal-event dannuz li fih wegghet l-attrici. Il-fatt innifsu li l-attrici ghaddiet mit-triq in kwistjoni li hija miftuha bhala passagg pubbliku b'access ghal toroq ohrajn fil-lokal, ma jista' qatt jitqies li huwa element kontributorju ghas-sinistru.

Ghaldaqstant, il-Qorti ma taqbilx li l-event dannuz jista' jkun attribwibbli lill-fatt wahdu li l-attrici ghaddiet minn din it-triq jew li waqghet go hofra li ma kienetx facilment identifikabbli, u hija l-fehma taghha li l-event dannuz in dizamina huwa attribwibbli unikament lin-nuqqas tal-konvenut milli jzomm it-triq in dizamina li taqa' fil-konfini tar-responsabbilta` tieghu, fi stat ta' tiswija tajba biex jigi assigurat il-passagg sikur tal-utenti tieghu.

---

[17] Ara fir-rigward: **Kevin Żammit vs Maltapost p.l.c. -** Prim'Awla, deciza 31.5.2011.

**Danni**

L-atturi jsostnu illi huma soffrew id-danni bhala konsegwenza tal-incident li fih wegghet l-attrici, liema danni jikkonsistu fil-hlas ta' diversi spejjez marbutin mal-griehi li garrbet l-istess attrici f'sieqha, fosthom spejjez ghall-*injections* u medicini li kienet tixtri kif ukoll ghall-konsultazzjonijiet ma' tobba gewwa l-Isptar Da Vinci Health Hospital u Saint James Hospital. L-atturi jsostnu wkoll illi huma soffrew danni konsistenti f'*lucrum cessans* u dan bhala rizultat tal-fatt illi l-attrici soffriet minn dizabilita` permanenti ta' sebgha fil-mija (7%) bhala rizultat tal-incident.

- ***Damnum Emergens***

Fil-likwidazzjoni tad-danni attwali l-Qorti generalment tiehu in konsiderazzjoni dawk l-ispejjez medici u spejjez ancillari li d-danneggjat ikun attwalment nefaq bhala konsegwenza tal-akkadut. Taht dan il-kap id-danneggjat jinghata rizarciment ukoll ta' dak it-telf attwali ta' introjtu li hu jkun sofra bhala rizultat dirett tal-istess akkadut.

Il-Qorti rat l-atti u rat id-diversi fotokopji informali ta' ricevuti esebiti mill-atturi - uhud minnhom mhux legibbli - minghajr ebda spjega kwalsiasi ta' x'hiex jirrapprezentaw hlief id-dikjarazzjoni guramentata tal-attrici li dawn huma kollha ricevuti ta' pilloli u medicini li kienet tixtri in konnessjoni mal-griehi li garrbet f'dan l-incident u ricevuti ta' konsultazzjonijiet ma' tobba. Ezaminati r-ricevuti esebiti, tqis illi fir-rigward ta' whud mill-medicini li jidher li nxtraw, ma jirrizultax li dawn huma konnessi ma' ksur fis-saqajn jew b'xi mod iehor mar-rikoveru tal-attrici. Ghalkemm huwa minnu li r-ricevuti esebiti jirreferu ghal zmien sussegwenti ghall-incident, il-Qorti m'hijiex konvinta illi dawn ilkoll jissodisfaw il-prova ghall-fini ta' likwidazzjoni ta' *damnum emergens*. Effettivament, gew esebiti diversi ricevuti minn spizeriji li lanqas jindikaw l-isem jew ix-xorta tal-oggett li nxtara. Il-Qorti kienet tistenna, *de minimis*, li l-atturi jfissru b'mod preciz u specifiku l-oggetti li effettivament inxtraw – li taghhom

qed jirreklamaw il-hlas - u li jintwera wkoll in-ness bejn dawn l-ispejjez u l-incident in dizamina.

Il-Qorti stenniet ukoll li l-atturi jhejju prospett car u dettaljat b'elenku u tifsira tal-ispejjez murija fir-ricevuti esebiti u bit-total ta' dawn l-ispejjez, mhux li jitghu kollox habba gozz fl-atti u tistenna li tkun il-Qorti li toqghod tghodd il-prezzijiet indikati fir-ricevuti – uhud minnhom illegibbli – u tistrieh fuq id-dikjarazzjoni generika tal-attrici li dawn ghandhom x'jaqsmu mal-ispejjez li kellha thallas bhala rizultat tal-ksur, rikoveru u rijabilitazzjoni ta' sieqha minhabba l-incident.

Wiehed ma jridx jinsa lanqas illi l-konvenut jikkonstesta specifikatament li l-ispejjez tal-ircevuti huma konnessi mal-griehi sofferti mill-attrici fl-incident in dizamina[18]. F'dan l-isfond il-Qorti tqis illi l-attrici, rinfaccjata bil-kontestazzjoni tal-konvenuti u l-prova li insistew li titressq fir-rigward, ma sodisfatx l-oneru inkombenti fuqha biex tipprova fil-grad li trid il-ligi li l-ispejjez minnha reklamati permezz tar-ricevuti esebiti, kienu mehtiega ghall-kura taghha b'rabta mal-ksur li garrbet fl-incident.

Dan l-oneru l-Qorti tqis li l-atturi sodisfawh limitatament kwantu s-somma totali ta' **sitt mija u tmienja u erbghin Euro u sebgha u sebghin centezmu (€648.77)** rapprezentanti l-ispejjez tal-konsultazzjonijiet li l-attrici kien ikollha fl-Isptar Saint James mal-konsulent kirurgu Mr. Jason Zammit[19], l-ispejjez tar-rapport tal-istess konsulent Mr. Jason Zammit (€240), ir-ricevuta Dok. CM12[20] u l-ispejjez tax-xiri tal-medicini f'Dicembru 2015[21].

Izda l-atturi ma sodisfawx dan l-oneru kwantu ghar-ricevuti ghal konsultazzjonijiet fl-Isptar Da Vinci. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa minnu li l-attrici xehdet li kienet tmur ghal konsultazzjonijiet f'dan l-Isptar, baqghet qatt ma fissret ghal liema skop kienu jinzammu dawn il-

[18] Ara Risposta tal-Kunsill konvenut tal-25 ta' Jannar 2018 (fol.59) u verbal tas-seduta tat-2 ta' Ottubru 2018.
[19] Dok. CM16 u CM17 kwantu ghal zewg ricevuti ta' €61 kull wahda, Dok. CM47 kwantu ghal zewg ricevuti ta' €61 kull wahda. Ara wkoll fol. 52.
[20] Ittra legali: €50.
[21] Fol. 9: €73.03; Dok. CM11: €12.00; Dok. CM15, fol 16: €2.85 u €5.16; Dok. CM16: €21.73.

konsultazzjonijiet u ma' liema tabib, *multo magis* meta mill-provi jirrizulta li l-attrici kienet tikkonsulta ma' Mr. Jason Zammit fl-Isptar Saint James Capua.

Kwantu ghar-ricevuti l-ohrajn li gew esebiti, il-Qorti tosserva li ma fihom l-ebda deskrizzjoni ta' medicina li jidher li ghandha xi rabta mal-lanjanzi medici naxxenti mill-incident, u whud minnhom inhargu fir-rigward ta' xiri ta' oggetti li mhumiex identifikati u wkoll medicina li ma ntweriex ghal liema skop kien mehtieg. Hemm ukoll ricevuti li nhargu f'isem l-attur Noel Micallef: madanakollu, ma jirrizultax illi l-attur garrab xi griehi jew kellu bzonn xi kura medika bhala konsegwenza tas-sinistru u f'kull kaz, huwa ma xehedx biex jispjega l-konnessjoni bejn dawk ir-ricevuti u l-incident fejn wegghet l-attrici. Fil-fatt, ghalkemm l-attrici gabet prova li skont ir-ricetti mahruga mit-tobba li kkurawha hija kellha tiehu medicina bl-isem Celebrex u Clexane, ma wrietx li fost ir-ricevuti esebiti, hija hallset xi spejjez ghax-xiri ta' dawn il-medicini partikolari.

Barra minn hekk, l-attrici ma gabet l-ebda prova kwalsiasi tal-introjtu taghha mix-xoghol ta' *housekeeper* li kienet twettaq qabel l-incident u ghalhekk, il-Qorti ma thossx li tista' tillikwida xi telf attwali ta' introjtu u dan minkejja li l-attrici xehdet illi ma setghetx tahdem ghall-perijodu ta' kwazi sentejn wara l-incident.

L-atturi xehdu wkoll illi minhabba li l-attrici kienet immobbli ghal diversi xhur wara l-incident, huma kienu ingaggaw lil certu Maria Azzopardi bhala *nurse* u biex tghin fil-bzonnijet tad-dar darbtejn fil-gimgha. Xehdu wkoll li kienu jhallsuha bejn €28 u €30 kull darba li kienet tigi u damet madwar sena tahdem maghhom. Madanakollu, il-Qorti tosserva li l-atturi naqsu milli jipproducu provi sodisfacjenti biex isostnu l-pretensjoni taghhom dwar il-hlas ta' dawn l-ispejjez: la gie esebit xi rendikont tal-hlasijiet allegatament maghmula fir-rigward u lanqas tressqet bhala xhud il-persuna in kwistjoni. Il-Qorti tqis illi galadarba kien hemm kontestazzjoni specifika da parti tal-konvenuti dwar il-pretensjoni ghall-hlas ta' dawn l-ispejjez, kien jispetta lill-atturi li jressqu prova cara u konvincenti liema prova izda, ma ngabitx.

- ***Lucrum Cessans***

Fir-rigward tal-*lucrum cessans*, il-Qorti fehmet illi fid-data tal-incident l-attrici kellha erbgha u erbghin (44) sena[22] u ghalhekk, in linea mal-gurisprudenza recenti in materja tqis illi multiplier ta' 15 huwa indikat f'dan il-kaz. Il-persentagg ta' dizabilita` permanenti li wasal ghalih il-konsulent kirurgu Mr Jason Zammit ma giex kontestat, la mill-Kunsill konnvenut u lanqas mill-Awtorita` msejha fil-kawza. Konsegwentement, wara li rat ix-xhieda tal-istess espert *ex parte* li kkonferma li l-attrici ghalkemm il-ksur f'sieqha fieq baqghet issofri minn *malrotation* ta' 10% u wara li ma riskontrat ebda raġuni għalfejn għandha tiddipartixxi mir-rata ta' diżabilità permanenti kif ġiet stabbilita mill-espert mediku *ex parte*, il-Qorti tqis illi huwa ppruvat sodisfacjentement illi d-dizabilita` permanenti sofferta mill-attrici hija ta' 7%. F'kull kaz, il-fatt li l-attrici regghet bdiet tahdem wara ftit taz-zmien, ma jaffettwax ir-rata tad-dizabilita` permanenti li tibqa' li hi anke jekk terga' tibda tahdem fuq bazi *full-time*.

Mill-provi jirrizulta wkoll illi fiz-zmien tal-incident u fis-snin ta' qabel, l-attrici kienet tahdem bhala *housekeeper* izda kif rajna, ma ressqet l-ebda prova dwar l-introjtu taghha u dan kwantu ghal ebda perijodu ta' zmien. F'dan l-isfond, il-Qorti tqis illi ghall-fini tal-kalkolu tad-danni in linea *lucrum cessans*, l-introjtu percepit mill-attrici ghandu jitqies li kien fl-ammont tal-paga minima nazzjonali li kienet fis-sehh fis-sena 2015 (€8,645.52 *gross*) wara li jittiehed in konsiderazzjoni wkoll iz-zieda fuq dan l-introjtu minhabba l-effett tal-inflazzjoni, progettata fuq il-kumplament tal-hajja lavorattiva tal-attrici kif rifless fil-*multiplier*[23].

Il-Qorti wara li rat ir-rata ufficjali tal-inflazzjoni fis-snin ta' wara l-incident, tqis illi ghandha tigi applikata l-medja tal-indici tal-inflazzjoni annwali skont in-

[22] Dan jirrizulta wkoll mir-rapport ta' Mr. Jason Zammit – Dok. CM1, fol. 3

[23] Ara: **Joseph Galea vs. Charles Fenech pro et noe**, deciza mill-Qorti tal-Appell, 19.05.2000.

National Statistics Office (NSO) f'dawn l-ahhar hames snin minn meta sehh l-incident, ghall-introjtu annwali fiz-zmien tal-incident (€8,645.52) u dan ghall-perijodu kollu tal-*multiplier*. Din ir-rata medja hija ta' 1.09%[24] u ghalhekk, kalkolat fuq medda ta' hmistax-il sena fuq paga annwali ta' €8,645.52, il-Qorti sejra tahdem fuq introjtu annwali medju ta' €10,059.06[25].

Dan ifisser illi applikat introjtu annwali ta' €10,059.06, ghal *multiplier* ta' 15 u abbazi ta' dizabilita` permanenti ta' 7%, il-kumpens dovut lill-attrici b'rizarciment ghad-dizabilita` permanenti sofferta minnha jirrizulta li huwa ta' €10,562.01.

Rigward it-tnaqqis in linea ta' *lump sum deduction* minhabba l-fatt illi jkun ghadda certu ammont ta' zmien bejn l-incident u l-likwidazzjoni u aggudikazzjoni tal-hlas tad-danni, il-Qorti tqis illi peress li ghaddew ftit iktar minn hames snin mill-incident, li sentejn minnhom huwa dovut ghall-fatt illi l-atturi intavolaw din l-azzjoni proprju sentejn wara l-incident, ghandu jkun hemm tnaqqis ta' 8% mis-somma ta' €10,562.01 bir-rizultat li s-somma li ghandha tippercepixxi l-attrici permezz ta' din is-sentenza hija ta' €9,717.05.

Ghaldaqstant, is-somma totali li qed tigi likwidata in linea ta' kumpens dovut bhala rizultat tal-incident li fiha wegghet l-attrici Carmen Micallef, sija kwantu *damnum emergens* u wkoll kwantu *lucrum cessans*, hija ta' ghaxart elef tliet mija u hamsa u sittin Euro u tnejn u tmenin centezmu (€10,365.82)[26].

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti:-**

---

[24] Ghas-sena 2015 ir-rata tal-inflazzjoni kienet 1.10%; ghas-sena 2016 ir-rata kienet 0.64%; ghas-sena 2017 ir-rata kienet 1.37%; ir-rata ghas-sena 2018 kienet 1.16%; ir-rata ghas-sena 2019 kienet 1.64% u ghas-sena 2020 ir-rata kienet 0.64% (sors: NSO website).

[25] 1.09% fuq €8,645.52 (€1,143.54) ghal 15-il sena = €10,059.06.

[26] €9,717.05 + €648.77 = €10,365.82.

1. **Filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-imsejha fil-kawza l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, tilqa' l-bqija tal-eccezzjonijiet taghha u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju;**
2. **Tilqa' t-talbiet tal-atturi biss fil-konfront tal-konvenut nomine billi tiddikjara li l-istess konvenut nomine huwa responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi fl-incident li sehh fil-15 ta' Dicembru 2015 li fih wegghet l-attrici Carmen Micallef;**
3. **Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma komplessiva ta' ghaxart elef tliet mija u hamsa u sittin Euro u tnejn u tmenin centezmu (€10,365.82);**
4. **Tikkundanna lill-Kunsill konvenut ihallas lill-atturi dawn id-danni hekk likwidati fis-somma ta' ghaxart elef tliet mija u hamsa u sittin Euro u tnejn u tmenin centezmu (€10,365.82), bl-imghax mil-lum;**
5. **Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine safejn huma inkompatibbli ma' dak hawn appena deciz.**

**L-ispejjez kif mitluba, inkluzi dawk tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, jithallsu mill-konvenut nomine.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**